MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru 663/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**vs**
**Alan Galea**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alan Galea** ta’ 32 sena, bin David u Maria Assunta *nee’* Galea, imwieled Pieta’ nhar is-17 ta’ Lulju, 1978 u residenti Joe Flats, Flat 13, Triq Emauel Galizia Ta’ Xbiex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 347878M;

Talli nhar it-22 ta’ Mejju 2011 ghall-habta ta’ 18:45hrs gewwa l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa ta’ Qali limita ta’ Attard:

1. Xewwixt gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa, jingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;

2. Talli fl-istess lok, data u hin u tahht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

3. Talli pubblikament xewwixt persuni ohra sabiex taghmel reat;

4. Talli pubblikament xewwixt persuni ohra sabiex tikser il-ligi;

5. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abuzziv;

6. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistanza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-mambri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghmlu;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija imputat ma jattendiex fi grounds ta' sports ghal dak il-perjodu ta' zmine li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tas-26 ta' Mejju 2011 skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-artikoli 338(dd) (ee), 68, 69, 70, 91, 95 u 96, S.L. 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li hadet kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u wara li rat il-fedina penali relattivament nadifa tieghu;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' Euro 20 fuq it-tieni u d-disa akkuza kif ukoll ghal terminu ta' priguerija ta' sena (1) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bil-prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tissospendieh milli jattendi jew ikun prezenti fi ground sprotiv ghal zmien tlett (3) mill-ewwel t'Ottubru, 2011

Il-Qorti spjegat l-obbligi lill-imputat naxxenti minn din is-sentenza u accertata li l-imputat fehem l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------